**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2018/0356M(NLE)**

5.12.2019

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam (2018/0356M(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Isabel Wiseler-Lima



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-Parlament, fis-17 ta' Diċembru 2015, ta l-approvazzjoni tiegħu għall-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Vjetnam[1], li jiddefinixxi r-relazzjonijiet futuri u għandu l-għan li jqawwi l-kooperazzjoni ulterjuri fl-isfidi globali u reġjonali; josserva bi tħassib li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż marret għall-agħar mindu daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni;

2. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma għamlitx valutazzjoni tal-impatt dwar id-drittijiet tal-bniedem fuq il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Vjetnam, għad li l-Parlament kien talabha tagħmel hekk, u dan imur kontra d-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tal-2015 u l-impenji li saru fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, u jistidinha tagħmel tali valutazzjoni immedjatament; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Kummissjoni kienet impenjat ruħha li tagħmel valutazzjoni *ex post* tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali;

3. Jissottolinja l-importanza strateġika tal-Vjetnam bħala sieħeb kruċjali tal-UE fl-Asja tax-Xlokk u fost il-pajjiżi tal-ASEAN, b'mod speċifiku iżda mhux esklużiv fir-rigward tan-negozjati dwar it-tibdil fil-klima, il-governanza tajba, l-iżvilupp sostenibbli, il-progress ekonomiku u soċjali u l-ġlieda kontra t-terroriżmu; jisħaq fuq il-bżonn li l-Vjetnam isir sieħeb fil-progress tad-drittijiet tal-bniedem u tar-riformi demokratiċi; josserva li l-Vjetnam għandu l-presidenza tal-ASEAN għall-2020; jisħaq fuq il-bżonn li l-UE u l-Vjetnam jirrispettaw u jimplimentaw b'mod sħiħ il-Ftehim ta' Pariġi;

4. Jilqa' pożittivament il-ftehim li sar bejn l-UE u l-Gvern tal-Vjetnam li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Vjetnam fl-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet immexxija mill-UE, li ġie ffirmat fis-17 ta' Ottubru 2019; jissottolinja l-fatt li l-Vjetnam huwa t-tieni pajjiż sieħeb fl-Asja li ffirma Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni mal-UE; jisħaq fuq il-fatt li l-ftehim jikkostitwixxi progress sinifikanti fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Vjetnam;

5. Jirrikonoxxi l-isforzi li għamel il-Vjetnam biex iwettaq aġenda ta' riformi, partikolarment f'dawk li huma d-drittijiet ambjentali u tax-xogħol tal-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles; jistieden lill-Gvern Vjetnamiż jieħu l-miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi xierqa kollha biex jiggarantixxi u jimplimenta b'mod effikaċi l-ogħla standards li jistgħu jintlaħqu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom, iżda mhux biss, l-istandards ambjentali u tax-xogħol; jilqa' b'sodisfazzjon ir-ratifika ta' sitt konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO minn tmienja, jiġifieri n-Nru 29 dwar ix-xogħol furzat, in-Nri 100 u 111 dwar in-nondiskriminazzjoni, in-Nri 138 u 182 dwar it-tħaddim tat-tfal u, l-aktar reċenti, in-Nru 98 dwar id-dritt għall-organizzazzjoni u n-negozjar kollettiv; iħeġġeġ lill-Gvern Vjetnamiż jirratifika malajr u jimplimenta b'mod sħiħ il-konvenzjonijiet pendenti; jitlob li jkun hemm mekkaniżmu li jista' jiġi infurzat b'mod effettiv li japplika għall-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp

[1] Testi adottati, P8_TA(2015)0467.

sostenibbli kif ukoll kalendarju ċar, pubbliku u vinkolanti għar-ratifika tal-Konvenzjoni ILO Nru 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u Nru 105 dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat;

6. Għadu mħasseb dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Vjetnam, inklużi l-kundanna, l-intimidazzjoni politika, is-sorveljanza invażiva, il-fastidju, l-aggressjoni, il-ħtif u l-proċessi mhux imparzjali ta' attivisti politiċi, ġurnalisti, bloggers, dissidenti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-limitazzjoni tal-libertà reliġjuża u tal-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni, u l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt; jitlob lill-Vjetnam jintroduċi moratorju dwar il-piena tal-mewt u jieħu minnufih azzjonijiet għall-abolizzjoni; jiddispjaċih bil-kbir li, f'dawn l-aħħar snin, żdied in-numru ta' priġunieri politiċi u ġurnalisti, bloggers u attivisti fil-qasam reliġjuż, ambjentali, tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol detenuti; jitlob li jiġu liberati dawk kollha detenuti talli sempliċement eżerċitaw il-libertà ta' espressjoni tagħhom, u li jaqgħu l-akkużi kollha kontrihom;

7. Jenfasizza li d-drittijiet tal-bniedem jikkostitwixxu pedament tal-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles jikkonċentra biss firxa partikolari ta' drittijiet, prinċipalment il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO; jitlob, għaldaqstant, li jiddaħħlu d-drittijiet tal-bniedem b'mod aktar komprensiv, akkumpanjati minn mekkaniżmu li jiżgura li jiġu infurzati b'mod effettiv; jitlob li ssir evalwazzjoni perjodika u indipendenti tal-impatt tal-ftehim;

8. Jistieden lill-Vjetnam jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet ifformulati fl-Eżami Perjodiku Universali l-aktar reċenti; jistieden lill-awtoritajiet tal-Vjetnam jagħmlu l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż konformi mal-istandards u mal-obbligi internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) li tiegħu l-Vjetnam huwa parti, partikolarment billi jirrevedi l-Kodiċi Penali tiegħu, il-liġijiet tiegħu dwar iċ-ċibersigurtà u l-liġi tiegħu dwar it-twemmin u r-reliġjon; jistieden lill-Gvern Vjetnamiż jintroduċi leġiżlazzjoni li tirregola l-ġemgħat u d-dimostrazzjonijiet pubbliċi f'konformità mad-drittijiet tal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni;

9. Jissottolinja li l-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles jinkorpora approċċ kooperattiv ibbażat fuq valuri u interessi komuni, filwaqt li jikkunsidra d-differenzi fil-livelli ta' żvilupp rispettivi tal-Partijiet; jilqa' pożittivament il-possibbiltà li l-ewwel jissolvew il-kwistjonijiet li jidħlu fl-ambitu tal-Artikolu 13 dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli bis-saħħa tal-iskambju fil-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli; jiddispjaċih li, fl-eventwalità li dawn il-kwistjonijiet ma jissolvewx, it-tieni mekkaniżmu, li jippermetti lil Parti titlob il-konvokazzjoni ta' Bord ta' Esperti indipendenti, jista' jibqa' subordinat għall-proċeduri proprji tal-Partijiet u suġġett għar-rieda tagħhom li jirrikorru għalih; jitlob lill-UE u lill-Vjetnam joħolqu mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ dwar id-drittijiet tal-bniedem u mekkaniżmu indipendenti għat-tressiq tal-ilmenti, li joffru liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati lokali milquta rikors effettiv għall-rimedju, kif ukoll strument li jindirizza l-impatti negattivi potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem, partikolarment bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn Stat u Stat għall-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli;

10. Jenfasizza li l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles joħloq rabta istituzzjonali u ġuridikament vinkolanti mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni; jirrimarka li l-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni fih klawżola standard dwar id-drittijiet tal-bniedem li tista' tattiva miżuri adegwati, inkluża, bħala l-aħħar riżorsa, is-sospensjoni mingħajr dewmien tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, jew partijiet minnu; ifakkar li fil-każ 1409/2014/MHZ dwar il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Vjetnam, l-Ombudsman Ewropew waslet għall-konklużjoni li l-preambolu tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Vjetnam u strumenti tradizzjonali oħrajn, bħall-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni u d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, ma kinux biżżejjed biex jiggarantixxu rispett adegwat tal-obbligi tal-UE, speċjalment meta l-leġiżlazzjoni tal-pajjiżi terzi ma kinitx konformi mal-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem abbażi ta' valutazzjonijiet perjodiċi kif ukoll proċedura li tispeċifika l-konsegwenzi ċari u kredibbli li jirriżultaw mill-ksur tal-ftehim;

11. Josserva bi tħassib li s-soċjetà ċivili indipendenti Vjetnamiża sfat vittma ta' repressjoni ħarxa u li ħafna mir-rappreżentanti tagħha joperaw bil-moħbi għax jibżgħu mill-persekuzzjonijiet u mir-ritaljazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tintensifika l-assistenza teknika kif ukoll il-finanzjamenti disponibbli għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili indipendenti tal-Vjetnam bil-għan li jiġu appoġġjati l-konformità mal-obbligi internazzjonali tal-pajjiż fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni korretta tal-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni. jitlob lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-gruppi konsultattivi domestiċi previsti fil-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jinkludu rappreżentanti tassew indipendenti tas-soċjetà ċivili u tiċċara l-mekkaniżmi stabbiliti biex jiżguraw li dawn ikunu jistgħu jiżvolġu r-rwol tagħhom ta' skrutinju tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles b'mod korrett u bla riskji u mingħajr il-biża' ta' tpattija;

12. Jissottolinja l-bżonn li l-Parlament u d-delegazzjoni interparlamentari kompetenti tiegħu jsegwu u jissorveljaw mill-qrib l-iżviluppi fil-Vjetnam kif ukoll l-implimentazzjoni tat-taqsimiet kollha tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bil-għan li jippermettu risposta għall-iżviluppi fil-post; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Kummissjoni jikkooperaw mill-qrib mal-Parlament fi tħejjija għad-djalogi annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem, għas-sessjonijiet ta' rendikont assoċjati u għall-aġġornament tal-istrateġija tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE fir-rigward tal-Vjetnam;

13. Jemmen b'konvinzjoni li hemm bżonn titjib fil-Vjetnam fl-oqsma tal-istat tad-dritt, tal-governanza tajba, tal-iżvilupp sostenibbli u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jirrapportaw formalment lill-Parlament dwar l-impenn tal-Vjetnam biex jagħmel progress f'għadd ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, kif imsemmi fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-17 ta' Diċembru 2015[2];

15. Iqis li għandha tingħata l-approvazzjoni għall-ftehim biss jekk l-awtoritajiet Vjetnamiżi

[2] Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra (ĠU C 399, 24.11.2017, p. 141).

jilliberaw il-priġunieri politiċi tagħhom; jisħaq fuq il-bżonn ta' impenn u jaqbel mal-Kummissjoni fir-rigward ta' kalendarju ċar biex jittieħdu miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi effikaċi biex jindirizzaw it-tħassib imsemmi f'din ir-riżoluzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dan it-tħassib.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam |
| **Referenzi** | 2018/0356M(NLE) |
| **Kumitat responsabbli** | INTA |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>24.10.2019 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Isabel Wiseler-Lima<br>30.9.2019 |
| **Eżami fil-kumitat** | 14.10.2019 2.12.2019 |
| **Data tal-adozzjoni** | 4.12.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 47<br>–: 7<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Traian Băsescu, Phil Bennion, Fabio Massimo Castaldo, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Gina Dowding, Tanja Fajon, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Nathalie Loiseau, Jaak Madison, Thierry Mariani, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Javier Nart, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Manu Pineda, Kati Piri, Diana Riba i Giner, Catherine Rowett, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Jacek Saryusz-Wolski, Radosław Sikorski, Sergei Stanishev, Hermann Tertsch, Idoia Villanueva Ruiz, Viola Von Cramon-Taubadel, Irina Von Wiese, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrea Cozzolino, Arnaud Danjean, Loucas Fourlas, Jytte Guteland, Andrzej Halicki, Martin Horwood, Katrin Langensiepen, Hannah Neumann, Juozas Olekas, Kris Peeters, Bert-Jan Ruissen, Mick Wallace, Javier Zarzalejos, Bernhard Zimniok |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Heidi Hautala, Gilles Lebreton, Geoffrey Van Orden |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 47 | + |
|---|---|
| NI | Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Arnaud Danjean, Loucas Fourlas, Michael Gahler, Andrzej Halicki, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, David Lega, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Kris Peeters, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos |
| RENEW | Phil Bennion, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Martin Horwood, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Urmas Paet, Irina Von Wiese |
| S&D | Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Andrea Cozzolino, Tanja Fajon, Raphaël Glucksmann, Jytte Guteland, Sven Mikser, Juozas Olekas, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Kati Piri, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Sergei Stanishev |
| VERTS/ALE | Gina Dowding, Heidi Hautala, Katrin Langensiepen, Hannah Neumann, Diana Riba i Giner, Catherine Rowett, Viola Von Cramon-Taubadel |

| 7 | - |
|---|---|
| ECR | Bert-Jan Ruissen, Jacek Saryusz-Wolski, Geoffrey Van Orden, Witold Jan Waszczykowski |
| GUE/NGL | Mick Wallace |
| ID | Gilles Lebreton, Thierry Mariani |

| 8 | 0 |
|---|---|
| ECR | Hermann Tertsch, Charlie Weimers |
| GUE/NGL | Giorgos Georgiou, Manu Pineda, Idoia Villanueva Ruiz |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni